

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

11 ta' Diċembru 2008*

Fil-Kawża C-380/06,

li għandha bħala suġġett rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu taħt l-Artikolu 226 KE, imressaq fil-15 ta' Settembru 2006,

Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, irrappreżentata minn B. Schima u S. Pardo Quintillán, bħala aġenti,

rikorrenti,

vs

Ir-Renju ta' Spanja, irrappreżentat minn F. Díez Moreno, bħala aġent,

konvenut,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn P. Jann, President tal-Awla, M. Ilešič, A. Tizzano (Relatur), A. Borg Barthet u J.-J. Kasel, Imħallfin,

* Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol.

Avukat Ġenerali: E. Sharpston,
Reġistratur: M. Ferreira, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-13 ta' Frar 2008,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-17 ta' Lulju 2008,

tagħti l-preżenti

Sentenza

- ¹ Peremzz tar-rikors tagħha, il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tiddikjara li, billi awtorizza perijodu ta' 90 jum għall-ħlas ta' ċerti prodotti tal-ikel u ta' prodotti tal-konsum u billi ppospona d-dħul fis-seħħ ta' ċerti dispożizzjonijiet sa l-1 ta' Lulju 2006, ir-Renju ta' Spanja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 3(1), (2) u (4) tad-Direttiva 2000/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' Ġunju 2000, dwar il-ġlieda kontra ħlasijiet tard fi transazzjonijiet kummerċjali (ĠU L 200, p. 35).

Il-kuntest ġuridiku

Il-leġiżlazzjoni Komunitarja

2 L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2000/35, intitolat “Imġax fil-każ ta’ ħlas tard”, jistipula:

“1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi:

- a) imġax skond il-punt (d) għandu jsir dovut mill-jum li jiġi wara d-data jew it-tmiem tal-perjodu għall-ħlas iffissat skond il-kuntratt;

- b) jekk id-data jew il-perjodu għall-ħlas ma tkunx iffissata fil-kuntratt, l-imġax għandu jsir dovut awtomatikament mingħajr il-ħtieġa ta’ nota ta’ tfakkir:
 - i) 30 jum li jiġu wara d-data li d-debitur jirċievi l-fattura jew talba ekwivalenti għall-ħlas; jew

- ii) jekk id-data li fiha tiġi riċevuta l-fattura jew it-talba ekwivalenti għall-ħlas ma tkunx żgurata, 30 jum wara d-data li fiha jiġu riċevuti l-oġġetti jew servizzi; jew

- iii) jekk id-debitur jirċievi l-fattura jew it-talba ekwivalenti għall-ħlas qabel l-oġġetti jew is-servizzi, 30 jum wara li l-oġġetti jew is-servizzi jiġu riċevuti; jew

- iv) jekk proċedura ta' aċċettazzjoni jew verifikazzjoni, li dwarha l-konformità ta' l-oġġetti jew servizzi mal-kuntratt għandha tiġi żgurata, hija pprovduta għaliha skond l-istatut jew fil-kuntratt u jekk id-debitur jirċievi l-fattura jew talba ekwivalenti għall-ħlas qabel jew fid-data li fiha dik l-aċċettazzjoni jew verifikazzjoni sseħħ, 30 jum wara din id-data ta' l-aħħar;

[...]

2. Għal ċerti kategoriji ta' kuntratti li għandhom jiġu definiti mil-liġi nazzjonali, l-Istati Membri jistgħu jiffissaw perjodu li warajh l-imgħax isir dovut sa massimu ta' 60 jum b'dan illi jew jirrestrinġu lill-partijiet għall-kuntratt milli jeċċedu l-perjodu jew jiffissaw rata mandatorja ta' imgħax li tkun teċċedi sostanzjalment ir-rata statutorja.

3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu li ftehim fuq id-data tal-ħlas jew fuq il-konsegwenzi ta' ħlas tard li ma jkunux jaqblu mad-disposizzjonijiet tal-paragrafi 1(b) sa (d) u 2 jew ma jkunux infurzabbli jew ikun jagħti lok għal talba għad-danni jekk, meta ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, inkluża l-prattika kummerċjali xierqa u n-natura tal-prodott, jiġu kkunsidrati, ikunu inġusti għall-aħħar għall-kreditur. Biex jiġi ddeterminat jekk ftehim ikunx inġust għall-aħħar għall-kreditur, għandu jingħata, inter alia, kont jekk id-debitur kellux xi raġuni oġġettiva li jiddevja mid-disposizzjonijiet tal-paragrafi 1(b) sa (d) u 2. Jekk jiġi stabbilit li dak il-ftehim ikun inġust għall-aħħar, it-termini

statutorji għandhom japplikaw, sakemm il-qrati nazzjonali ma jstabilixxux kondizzjonijiet differenti li huma ġusti.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw illi, fl-interessi tal-kredituri u l-kompetituri, mezzi adegwati u effettivi jeżistu biex jimpedixxu l-użu kontinwu ta' termini li jkunu inġusti għall-aħħar skond it-tifsira tal-paragrafu 3.

[...]"

3 L-Artikolu 6 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Transposizzjoni", jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, regolamenti u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva qabel it-8 ta' Awissu 2002. Għandhom jinfurmaw bihom minnufih lill-Kummissjoni.

[...]

2. L-Istati Membri jistgħu jżommu jew iġibu fis-seħħ disposizzjonijiet li jkunu l-aktar favorevoli għall-kreditur mid-disposizzjonijiet meħtieġa għall-konformità ma' din id-Direttiva.

[...]"

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali

- 4 Il-Liġi Nru 3/2004, tad-29 ta' Diċembru 2004, dwar il-ġlieda kontra l-ħlasijiet tardivi fi tranżazzjonijiet kummerċjali (BOE Nru 314, tat-30 ta' Diċembru 2004, p. 42334), hija intiża biex tittrasponi d-Direttiva 2000/35 fl-ordinament ġuridiku Spanjol.
- 5 Il-Liġi Nru 7/1996, tal-15 ta' Jannar 1996, dwar il-kummerċ bl-imnut (BOE Nru 15, tas-17 ta' Jannar 1996, p. 1243), tipprovdi, fl-Artikolu 17, dispożizzjonijiet li jirregolaw il-ħlasijiet lill-fornituri.
- 6 Skont l-ewwel dispożizzjoni addizzjonali tal-Liġi Nru 3/2004, intitolata "Sistema ta' ħlasijiet fil-kummerċ bl-imnut", il-ħlasijiet lill-fornituri fil-kummerċ bl-imnut, għandhom ikunu rregolati prinċipalment mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 17 tal-Liġi Nru 7/1996 u l-Liġi Nru 3/2004 tapplika biss b'mod supplimentari.

7 L-Artikolu 17 tal-Liġi Nru 7/1996, kif emendat bl-ewwel paragrafu tat-tieni dispożizzjoni finali tal-Liġi Nru 3/2004, jipprovdi:

“1. Fin-nuqqas ta’ ftehim espliċitu, għandu jkun mifhum li l-bejjieġha bl-imnut iridu jħallsu l-prezz tal-oġġetti li jixtru fi żmien tletin jum mid-data tal-kunsinna.

[...]

3. Il-ħlas għal ikel frisk u għal prodotti li jistgħu jmorru f’ebda każ ma għandu jkun iddifferit għal iktar minn tletin jum. Il-ħlas għal ikel ieħor u għal prodotti tal-konsum m’għandux ikun iddifferit għal perijodu ta’ iktar minn sittin jum, ħlief jekk ikun hemm ftehim espliċitu li jipprovdi għal kumpens finanzjarju għall-fornitur ekwivalenti għall-perijodu addizzjonali. Il-ħlas ma għandu f’ebda każ ikun iddifferit għal iktar minn disgħin jum.

[...]

5. Ikun xi jkun il-każ, l-imgħax għal ħlas tardiv għandu jkun awtomatikament dovut mill-jum wara d-data ffissata għall-ħlas jew, fin-nuqqas ta’ ftehim, id-data meta għandu jsir il-ħlas skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1. [...]

- 8 It-tieni dispożizzjoni tranżitorja tal-Liġi Nru 7/1996, introdotta mit-tieni paragrafu tat-tieni dispożizzjoni finali tal-Liġi Nru 3/2004, tistipula kif ġej:

“It-terminu stabbilit għall-ikel frisk u għall-prodotti li jistgħu jmorru jibqa’ t-terminu diġà previst ta’ tletin jum. Il-limitazzjoni għal massimu ta’ sittin jum prevista fl-Artikolu 17(3) ta’ din il-liġi tapplika mill-1 ta’ Lulju 2006. Fil-frattemp, il-ħlas għal ikel li ma jkunx frisk jew li ma jmurx u għal prodotti tal-konsum m’għandux ikun iddifferit għal iktar minn disgħin jum mill-kunsinna tal-oġġetti.”

Il-proċedura prekontenzjuża

- 9 Il-Kummissjoni, wara li rċeviet ilment, baġtet ittra ta’ intimazzjoni lir-Renju ta’ Spanja fit-13 ta’ Lulju 2005, li fiha talbitha tippreżentalha, f’terminu ta’ xahrejn, l-osservazzjonijiet tagħha dwar il-kompatibbiltà tal-Liġi Nru 3/2004 mal-Artikolu 3(1), (2), (4) u (5) tad-Direttiva 2000/35.

10 Peress li ma rċeviet ebda risposta mingħand ir-Renju ta' Spanja, il-Kummissjoni, fid-19 ta' Diċembru 2005, baġtet opinjoni motivata lil dan l-Istat Membru, li fiha hija sostniet, b'mod partikolari, li:

— it-terminu ta' 90 jum għall-ħlas ta' ċerti prodotti tal-ikel u ta' prodotti tal-konsum awtorizzat mill-Artikolu 17(3) tal-Liġi Nru 7/1996, kif emendat bil-paragrafu 1 tat-tieni dispożizzjoni finali tal-Liġi Nru 3/2004, imur kontra d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 3(1) u (2) tad-Direttiva 2000/35, u

— it-tieni dispożizzjoni tranżitorja tal-Liġi Nru 7/1996, introdotta mill-paragrafu 2 tat-tieni dispożizzjoni finali tal-Liġi Nru 3/2004, inkwantu tidifferixxi l-applikazzjoni tat-terminu massimu ta' 60 jum sal-1 ta' Lulju 2006, hija inkompatibbli mal-Artikolu 3(1), (2) u (4) ta' din id-Direttiva li t-terminu għat-traspożizzjoni tagħha skada fit-8 ta' Awwissu 2002 mingħajr ma kienet ġiet ammessa ebda possibbiltà ta' deroga f'dan ir-rigward.

11 Billi ma kinitx sodisfatta bir-risposti mogħtija mir-Renju ta' Spanja, il-Kummissjoni adixxiet lill-Qorti tal-Ġustizzja b'dan ir-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu.

Fuq ir-rikors*Fuq l-ewwel ilment*

L-argumenti tal-partijiet

- 12 Il-Kummissjoni tallega li l-Artikolu 17(3) tal-Liġi Nru 7/1996, kif emendat bil-paragrafu 1 tat-tieni dispożizzjoni finali tal-Liġi Nru 3/2004, jikser l-Artikolu 3(1) u (2) tad-Direttiva 2000/35, inkwantu jipprovdi li t-terminu massimu għall-ħlas tal-prezz ta' ikel u ta' prodotti tal-konsum, minbarra l-ikel frisk jew prodotti li jistgħu jmorru, jista' jkun ta' 90 jum, bl-unika kundizzjoni li jiġi pprovdut favur il-fornitur "kumpens finanzjarju [...] ekwivalenti għall-perijodu addizzjonali".
- 13 Fil-fatt, din id-dispożizzjoni tippermetti li t-terminu massimu għall-ħlas ta' 60 jum, previst fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2000/35, jiġi estiż, mingħajr madankollu ma tipprovdi, għall-kuntrarju ta' dak li teżiġi din id-dispożizzjoni, għal "rata mandatorja ta' imgħax li tkun teċċedi sostanzjalment ir-rata statutorja". F'dan ir-rigward, il-kumpens finanzjarju ekwivalenti għall-perijodu addizzjonali, previst mid-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni, ma jistax jiġi mqabbel mal-applikazzjoni ta' tali rata ta' imgħax, minħabba n-nuqqas ta' preċiżjoni fil-formulazzjoni użata mil-leġiżlatur Spanjol.
- 14 Ir-Renju ta' Spanja jfakkar, fl-ewwel lok, li d-Direttiva 2000/35 għandha l-għan li tintroduċi miżuri li jkunu favorevoli għall-kreditur u li jkunu intiżi sabiex jiġu limitati l-ħlasijiet tardivi fit-tranżazzjonijiet kummerċjali, filwaqt li tiġi rrispettata l-libertà kuntrattwali tal-partijiet.

- 15 Id-dispożizzjonijiet inkwistjoni, billi jipprojbixxu b'mod assolut li jiġi pprovdut f'kuntratt terminu itwal minn 90 jum, fil-fatt jistabbilixxi sistema iktar restrittiva u iktar favorevoli għall-kreditur minn dik stabbilita mid-Direttiva 2000/35, li l-Artikolu 3 (2) tagħha jippermetti lill-partijiet jaqblu dwar terminu itwal minn dak ta' 60 jum mingħajr madankollu ma jiffissa limitu massimu għal din il-possibbiltà. Għal din ir-raġuni, il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni hija kompatibbli wkoll mal-Artikolu 6 (2) ta' din id-Direttiva li jippermetti lill-Istati Membri jżommu fis-seħħ jew jadottaw dispożizzjonijiet aktar favorevoli għall-kreditur minn dawk meħtieġa biex il-liġi tagħhom tkun konformi mal-imsemmija direttiva.
- 16 L-Istat Membru konvenut jispeċifika, fit-tieni lok, li billi t-terminu ta' 90 jum jista' japplika biss jekk jiġi previst kumpens finanzjarju ekwivalenti għall-perijodu addizzjonali, ir-rekwiżit previst fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2000/35 dwar il-ħlas ta' imgħax għal ħlas tardiv b'rata sostanzjalment oġhla mir-rata statutorja huwa effettivament sodisfatt.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

- 17 B'mod preliminari, għandu jiġi mfakkar li, hekk kif jirriżulta mill-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva 2000/35, il-partijiet huma, bħala regola, liberi li jistabbilixxu fil-kuntratt tagħhom id-data jew it-terminu għall-ħlas.
- 18 Għalhekk, huwa biss fin-nuqqas ta' klawżola kuntrattwali f'dan ir-rigward li għandu japplika t-terminu legali ta' 30 jum imsemmi fl-Artikolu 3(1)(b) ta' din id-direttiva.

- 19 L-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2000/35 jippermetti, imbagħad, lill-Istat Membri jtawwlu l-imsemmi terminu ta' 30 jum, iżda jissuġġetta din il-possibbiltà għal kundizzjoni doppja. Fl-ewwel lok, din il-possibbiltà għandha tkun limitata għal ċerti kategoriji ta' kuntratti. Fit-tieni lok, fir-rigward tat-tul tat-terminu derogatorju, dan jista' jiġi mtawwal għal massimu ta' 60 jum jekk jiġi pprojbit lill-partijiet li jidderogaw minnu kuntrattwalment jew bil-kundizzjoni li tkun applikabbli rata ta' imgħax mandatorja li teċċedi sostanzjalment ir-rata statutorja.
- 20 Għaldaqstant, huwa fid-dawl tal-kontenut u tal-istruttura ġenerali tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2000/35 indikati fil-punti preċedenti li għandhom jiġu eżaminati l-kontestazzjonijiet tal-Kummissjoni fir-rigward tad-dispożizzjonijiet nazzjonali inkwistjoni.
- 21 Għandu jiġi rrilevat li, minn naħa, l-Artikolu 17(3) tal-Liġi Nru 7/1996, kif emendat bil-paragrafu 1 tat-tieni dispożizzjoni finali tal-Liġi Nru 3/2004, jawtorizza, għall-prodotti tal-ikel li ma jkunux friski u li ma jmorrux u għall-prodotti tal-konsum, il-possibbiltà li t-terminu għall-ħlas ta' 30 jum applikabbli skont dan l-Artikolu 17(1) jiġi estiż sa 60 jum, fin-nuqqas ta' ftehim espliċitu bejn il-partijiet. Min-naħa l-oħra, it-tieni sentenza tal-Artikolu 17(3), li lilha jirrigwardaw il-kontestazzjonijiet tal-Kummissjoni, taċċetta l-possibbiltà li l-imsemmi terminu jittawwal addizzjonalment bi 30 jum sa 90 jum jekk ikun hemm ftehim espliċitu bejn il-partijiet li jipprovdi għal kumpens finanzjarju, favur il-fornitur, ekwivalenti għall-perijodu addizzjonali.
- 22 Għaldaqstant, għandu jiġi kkonstatat li, skont il-kliem stess tad-dispożizzjoni inkwistjoni, il-possibbiltà li t-terminu għall-ħlas jittawwal għal iżjed minn 60 jum hija suġġetta għall-kundizzjoni f'dan ir-rigward ta' "ftehim espliċitu" bejn il-partijiet.

- 23 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-kontestazzjoni tal-Kummissjoni intiża biex turi li d-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni tikser l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2000/35 inkwantu tippermetti li għal ċerti prodotti, it-terminu ta' 60 jum jista' jiġi estiż għal 90 jum mingħajr ma tosserva l-kundizzjonijiet stabbiliti f'din id-dispożizzjoni, ma tistax tintlaqa'.
- 24 Fil-fatt, kif ġie mfakkar fil-punti 18 u 19 ta' din is-sentenza, l-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2000/35 jirregola esklużivament il-possibbiltà rikonoxxuta favur l-Istati Membri li jistabbilixxu, f'ċerti każijiet limitati, terminu legali li jeċċedi dak ta' 30 jum applikabbli fin-nuqqas ta' klawżola kuntrattwali dwar id-data jew it-terminu għall-ħlas. Fi kliem ieħor, huma biss il-każijiet fejn il-partijiet ma jgħidu xejn f'dan ir-rigward li jaqgħu taħt l-Artikolu 3(2) ta' din id-direttiva.
- 25 Min-naħa l-oħra, l-Artikolu 17(3) tal-Liġi Nru 7/1996, kif emendat bil-paragrafu 1 tat-tieni dispożizzjoni finali tal-Liġi Nru 3/2004, jeżiġi preċiżament, sabiex it-terminu għall-ħlas ikun jista' jittawwal sa massimu ta' 90 jum, li jiġi konkluż "ftehim espliċitu" f'dan is-sens. L-applikazzjoni ta' dan it-terminu, miftiehem kuntrattwalment bejn il-partijiet, ma tistax, għalhekk, tkun ikkunsidrata bħala suġġetta, għall-kuntrarju ta' dak li tafferma l-Kummissjoni, għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2000/35.
- 26 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li l-ewwel ilment mhuwiex fondat u għaldaqstant għandu jiġi respint.

Fuq it-tieni lment

L-argumenti tal-partijiet

- 27 Il-Kummissjoni ssostni li t-tieni dispożizzjoni tranżitorja tal-Liġi Nru 7/1996, introdotta mill-paragrafu 2 tat-tieni dispożizzjoni finali tal-Liġi Nru 3/2004, tidifferixxi indebitament għall-1 ta' Lulju 2006 l-applikazzjoni tat-terminu massimu għall-ħlas ta' 60 jum imsemmi fl-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2000/35.
- 28 Fil-fatt, l-Artikolu 6(1) ta' din id-direttiva jstabilixxi li t-terminu għat-traspożizzjoni tagħha għandu jiskadi fit-8 ta' Awwissu 2002, mingħajr ma jipprovdni għal ebda possibbiltà ta' deroga minn din id-dispożizzjoni jew ta' proroga ta' dan it-terminu.
- 29 Il-proroga prevista mil-leġiżlazzjoni Spanjola tikser ukoll l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2000/35, li jistipula li l-Istati Membri għandhom jiżguraw illi, fl-interess tal-kredituri u l-kompetituri, mezzi adegwati u effettivi jeżistu biex jimpedixxu l-użu kontinwu ta' termini li jkunu inġusti għall-aħħar.
- 30 Ir-Renju ta' Spanja jirribatti dawn il-kontestazzjonijiet essenzjalment billi jgħid li s-sistema tranżitorja stabbilita mit-tieni dispożizzjoni tranżitorja tal-Liġi Nru 7/1996, introdotta mill-paragrafu 2 tat-tieni dispożizzjoni finali tal-Liġi Nru 3/2004, hija intiża unikament biex tistabilixxi l-mument li fih jidħlu fis-seħħ id-dispożizzjonijiet tal-Liġi Nru 7/1996, dwar il-kummerċ bl-imnut, li tintroduċi sistema saħansitra iktar restrittiva minn dik meħtieġa mid-Direttiva 2000/35. Konsegwentement, l-imsemmija dispożizzjoni m'għandhiex bħala effett li ddewwem l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Liġi

Nru 3/2004 li tittrasponi din id-direttiva u li l-kompatibbiltà tagħha mad-dritt Komunitarju ma ġietx ikkontestata.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja

31 F'dan ir-rigward, biżżejjed jiġi kkonstatat li d-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni tikkonċerna esklużivament l-applikazzjoni tat-terminu ta' 60 jum imsemmi fl-Artikolu 17(3) tal-Liġi Nru 7/1996, kif emendata bil-paragrafu 1 tat-tieni dispożizzjoni finali tal-Liġi Nru 3/2004.

32 Għar-raġunijiet esposti fil-punti 22 sa 25 ta' din is-sentenza, l-imsemmi Artikolu 17(3) ma jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 2000/35 u, għalhekk, ma jistax jikkostitwixxi miżura ta' traspożizzjoni tiegħu.

33 Minn dan isegwi li d-differiment tal-applikazzjoni tad-dispożizzjoni nazzjonali inkwistjoni ma jistax jaffettwa t-twettiq, mir-Renju ta' Spanja, tal-obbligi tiegħu taħt l-imsemmi Artikolu 3.

34 Għaldaqstant, it-tieni lment għandu jiġi respint bħala infondat ukoll.

35 Peress li l-ebda wieħed miż-żewġ ilmenti invokati mill-Kummissjoni ma huwa fondat, ir-rikors kollu kemm hu għandu jiġi miċħud.

Fuq l-ispejjeż

36 Skont l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tbatlha l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li l-Kummissjoni tilfet, hija għandha tiġi ordnata tbatlha l-ispejjeż, kif mitlub mir-Renju ta' Spanja.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) Ir-rikors huwa miċħud.

2) Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej hija kkundannata għall-ispejjeż.

Firem